**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 438/2019**

**Il-Pulizija**

**(Supretendent Robert Vella)**

**vs.**

**Nurun Nabi Manic**

**Abdul Momin Mirzi**

**Salim Ullah**

Illum l- 1 ta' Dicembru 2022

Il Qorti:

Rat li l-pulizija ressqet lil

**Nurun Nabi Manic**, ta' 38 sena, iben Mafizur Rahman u Nasima Begom, imwieled l-Bangladesh, nhar il-11 t'April, 1981, u resident gewwa fond Tanti Palmier, Flat 5, Triq Sant' Antnin, Msida jew Learcat Flats, Flat 3, Triq l-Ghar u Casa, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 184746A.

**Abdul Momin Mirzi**, ta' 30 sena, iben Mafizur Rahman u Nasima Begom, imwieled l-Bangladesh, nhar l-1 ta' Jannar, 1989, u resident gewwa fond Tanti Palmier, Flat 5, Triq Sant' Antnin, Msida jew Learcat Flats, Flat 3, Triq l-Ghar u Casa, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 146125A.

**Salim Ullah**, ta' 23 sena, iben Mafizur Rahman u Nasima Begon, imwieled l-Bangladesh, nhar l-1 ta' Jannar, 1996, u resident gewwa fond Tanti Palmier, Flat 5, Triq Sant' Antnin, Msida jew Learcat Flats, Flat 3, Triq l-Ghar u Casa, Mellieha, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 168883A.

Akkuzati talli nhar is-06 ta' Gunju, 2019, ghall-habta tat-8:30 ta' filghaxija gewwa l-lokalita' ta' Santa Venera: -

1. flimkien ma' numru ta' persuni ohra mhux maghrufa, minghajr il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, permezz ta' arma irregolari (martell), ikkagunaw griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Miah Faruk, hekk skond ma gie iccertifikat Dr. Jonathan Zammit M.D. (Reg. No. 3053) mill-Isptar Mater Dei u/jew minn diversi tobba ohra;

2. u aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kisru l-paci u l-ordni pubblika b'ghajjat, storbju w glied.

Il-Qorti hija mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' ta' Miah Faruk jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop ta' l-protezzjoni tal-persuna/i msemmija u l-familja tieghu minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza'

ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-akkuzati skond l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u f'kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' l-persuna/i offiza u l-familja tieghu ai termini tal-Artikoli 382A, 383, 384, 385, u 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba wkoll sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghndhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, filwaqt li l-prosekuzzjoni esebit l-fedina penali u numru ta' dokumenti relatati mal-identita' ta' l-imsemmija Nurun Nabi Manic, Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah, umilment talbet li dan il-kaz jigi investigat skond il-Ligi.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tat-22 ta' Lulju 2019, ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputati tennew li ma kienux hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l- Avukat Generali nhar it-8 ta' Jannar 2021 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputati ghandhom jigu aggudikati minn din il-Qorti u jinstabu hatja u cioe[2]:

a. Fl-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b. Fl-artikoli 63, 64(1)(2), 65(1)(2), 66, 67, 338(dd), 341,7(2) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

---

[1] Folio 14-16 ta' l-atti processwali

[2] Folio 812-813 ta' l-atti processwali

c. Fl-artikoli 382A(1)(2)(3), 383(1)(2)(3), 384, 386, 412C, 412D tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li matul is-seduta ta' l-14 ta' Jannar 2021, din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputati jekk kellhox oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputati zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegbu li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha nhar il-14 ta' Jannar.[4]

Rat illi d-difiza ghalqet il-provi taghha nhar il-10 ta' Gunju 2022.[5]

Semghet lill-partijiet jitrattaw bis-sottomissjonjiet finali fl-udjenza tas-6 ta' Lulju 2022[6].

Rat id-dokumenti u l-provi kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Illi dan il-kaz immur lura ghal-lejl tas-6 ta' Gunju 2019 meta l-pulizija gew infurmati li kien hemm glieda fil-pubbliku f'Santa Venera fejn irrizulta li certu

[3] Folio 818 ta' l-atti processwali
[4] Folio 819 ta' l-atti processwali
[5] Folio 847 ta' l-atti processwali
[6] Folio 852-859 ta' l-atti processwali

Miah Faruk kien gie allegatament aggredit serjament mill-imputati, tali mod li spicca b'griehi gravi bejn bdew issawtuh f'wiccu u gismu b'martell.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tat-2 ta' Settembru 2019 xehed **PS 1064 Luke Spiteri**[7], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hamrun, li spjega li l-Ispettur Robert Vella kien baghtu fi Triq il-Fawwara, Santa Venera, sabiex jara jekk hemmx xi kameras CCTV. Fil-fatt, irrizulta li kien hemm kameras u minn naha tieghu, ix-xhud indikahom lil PS 1147 Antoine Fenech mit-Taqsima Forensika. Huwa ghamel l-aggornamenti relattivi fir-rapport tal-Pulizija relattiv.

Sussegwentement gew esebiti sensiela ta' tmintax ir-ritratt mill-Spettur Robert Vella fl-udjenza tal-31 ta' Lulju 2019[8] kif ukoll sensiela tar-ritratti ohra mehuda gewwa l-isptar Mater Dei tal-vittma.[9] Illi minn l-ewwel sensiela ta' ritratti jirrizulta li dan il-*footage* gie irrekordjat nhar is-6 ta' Gunju 2019 ghall-habta ta' ftit minuti wara t-tmieja w ghoxrin. Mir-ritratti jirrizulta dehriet ta' persuna wahidha miexja fuq naha ta' triq u zewg persuni ohra mexjin fuq naha ohra ta' triq. Illi ftit minuti wara iz-zewg persuni jidhru li qed jghagglu u jigru kif ukoll il-persuna li kien miexi wahdu jibda jigri biz-zewg persuni l-ohra jigru warajh.

[7] Folio 531-533 ta' l-atti processwali
[8] Dok RV6, Folio 466 ta' l-atti processwali
[9] Dok RV8, Folio 468-473 ta' l-atti processwali

Mit-tieni sensiela ta' ritratti jidher id-dehra tal-vittma waqt li kien l-isptar Mater Dei. Minn dawn ir-ritratti, mad-daqqa ta' ghajn, jidher car li l-vittma ghandu feriti fuq wiccu u partijiet ohra ta' gismu. Il-feriti jidhru friski, visibbli bi dmija u tbengil fuqu kif ukoll ghajn minfuha.

Finalment l-Ispettur Robert Vella kienipprezenta wkoll zewg ritratti ohra li fihom jidhru l-imputati li gew identifikati l-vittmi.[10]

Fl-istess seduta xehed **PC 47 Bernard Briffa**[11], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hamrun. Huwa kkonferma li kien prezenti flimkien mal-Ispettur Robert Vella waqt li ttiehdet l-istqarrija tal-imputati Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq l-istqarrijiet relattivi ezebiti in atti.

Fis-seduta tal-14 t'Ottubru 2019 xehed **it-Tabib Mario Scerri**[12], espert mediko-legali mahtur mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni[13] tieghu dwar il-griehi subiti minn Miah Faruk in konsegwenza tal-incident de quo. Ikkonkluda li l-griehi li sofra Faruk kienu frattura tal-ghadam tal-imnieher kif ukoll *undisplaced fracture* tax-*shaft* tal-*middle phalanx* tar-raba subgha tal-id xellugija. Rizultat ukoll ta' *blunt trauma* Faruk spicca bil-*medial* u l-*lateral incisor teeth* ta' fuq u bil-*canines* ta' fuq neqsin. Dan in-nuqqas ta' snien huwa ovvju u jidher *from a talking distance*.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib James Vassallo**[14], oftalmologista adett fl-Isptar Mater Dei, li spjega li bhala rizultat tal-incident de quo, il-vittma Miah Faruk sofra *permanent severe loss of central vision in the right eye* hekk kif gie ikkonfermat mic-certifikat minnu esebit[15]. Irrileva ukoll li ma jidhirx li hemm trattament ghal din il-problema li qed isofri minnha l-vittma.

---

[10] Folio 478-479 ta' l-atti processwali
[11] Folio 534-536 ta' l-atti processwali
[12] Folio 541-542 ta' l-atti processwali
[13]Dok MS1, Folio 543-553 ta' l-atti processwali
[14] Folio 554-555 ta' l-atti processwali
[15] Dok JV1, Folio 556 ta' l-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Jonathan Zammit**[16], adett fid-dipartiment tal-emergenza tal-Isptar Mater Dei. Huwa kkonferma li rrilaxxja c-certifikat mediku ezebit fl-atti[17] u stqarr li l-vittma Miah Faruk kellu hafna griehi konsistenti fi ksur f'imniehru, sitt snien neqsin, ksur fir-raba subgha tal-id xellugija kif ukoll hafna farretti f'wiccu, idejh u saqajh. Dawn il-griehi kienu gew klassifikati bhala ta' natura gravi *per durata*. Illi dan ic-certifikat mediku gie mahrug nhar is-6 ta' Gunju 2019 fil-jum ta' l-incident wara li l-vittma gie ezaminat gewwa l-isptar Mater Dei.

Fl-istess seduta xehed **it-Tabib Jonathan Grech**[18], adett fl-Isptar Mater Dei li spjega li l-vittma Miah Faruk iddahhal l-Isptar fis-6 ta' Gunju 2019 u gie licenzjat fil-11 ta' Gunju 2019. Tenut kont tan-natura tal-griehi li sofra kien hemm bzonn koordinazzjoni bejn diversi taqsimiet tal-Isptar, fosthom l-oftalmologija u l-ortopedija. Ix-xhud ikkonferma l-korrettezza tar-rapport ezebit fl-atti.[19]

Illi minn dan ir-rapport jirrizulta li l-pazjent, cioe Miah Faruk sofra griehi f'madwar hames/sitt snien u kellu d-dmija ma wiccu. Madankollu kien baqa konxju u ma kienx qed jirremetti. Irrizulta wkoll li l-vittma kellu *"undisplaced fracture of the shaft of the middle phalanx of the left ring finer."*[20]

Fis-seduta tal-25 ta' Novembru 2019 xehed **Keith Cutajar**[21], espert mahtur mill-Qorti sabiex janalizza filmati minn kameras tas-CCTV fiz-zona ta' fejn sehh l-incident de quo, fejn huwa halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Fir-relazzjoni[22] ipprezentat minnu hemm numru ta' fotogrammi ta' dawk il-partijiet tal-filmati li huma relevanti.

---

[16] Folio 557-558 ta' l-atti processwali
[17] Dok RV2, Folio 460 ta' l-atti processwali
[18] Folio 559-560 ta' l-atti processwali
[19] Dok RV4, Folio 461-463 ta' l-atti processwali
[20] Folio 462 ta' l-atti processwali
[21] Folio 565-566 ta' l-atti processwali
[22] Dok KC1, Folio 567-592 ta' l-atti processwali

Illi fir-rapport tiegħu, l-espert jispjega kif ammont ta' persuni jidhru qishom qed isegwu persuna u jidhru jitbaxxu bejn karozzi biex jistaħbu u wara certu ħin jaqsmu t-triq u imbagħad jidhru li qed jirritorna fid-direzzjoni opposta jigru minn fuq il-post filwaqt li jidher persuna mixħuta ma l-art

Fl-istess seduta xehdet **Diane Mazzonello**[23], ufficjal tal-Isptar Mater Dei, li pprezentat kopja tal-fajl mediku tal-vittma Miah Faruk.[24] Illi dan id-dokument jikkonferma l-ezamijiet medici li saru fuq Miah Faruk kif ukoll il-griehi kollha subiti minnu hekk kif deskritti mix-xhieda tobba li xehdu.

Fl-istess seduta xehed **PS 1500 Alfred Cutajar**[25], stazzjonat fl-Ghassa tal-Marsa, li spjega li nhar is-6 ta' Gunju 2019 kien xoghol ta' bil-lejl fl-Ghassa tal-Hamrun. Ghall-habta tat-20:30hrs dahal rapport mill-control room li fi Triq il-Fawwara, Santa Venera kien ghadu kif sehh argument u kien hemm persuna mal-art. Ix-xhud flimkien ma PC 1037 Saviour Mifsud marru immedjatament fuq il-post fejn diga` kien hemm ambulanza sabiex tiehu l-vittma l-Isptar. Fuq il-post kien hemm diversi rqajja ta' demm kif ukoll xi snien mal-art. Wara li kkonsulta mal-Ispettur Robert Vella, ix-xhud eleva s-snien u gibed xi ritratti tax-xena tal-akkadut. Wara li halla *fixed point* ghassa max-xena, ix-xhud mar fl-Isptar Mater Dei fejn seta jara lill-vittma, Miah Faruk, li kien vizibbilment mugugh. Sar jaf li l-vittma kien mill-Bangladesh. Nhar l-14 ta' Gunju 2019, wara li l-vittma gie licenzjat biex johrog mill-Isptar, ix-xhud baghat ghalih fl-Ghassa tal-Hamrun sabiex tinkiseb aktar informazzjoni dwar l-incident de quo. Minn naha tieghu il-vittma kien zvela li l-aggressuri kienu Mirzi Abdul Momin, Ullah Salmin u Manic Nurun, ilkoll mill-Bangladesh u impjegati mad-ditta G&P Borg

[23] Folio 594 ta' l-atti processwali
[24] Dok DM1, Folio 595 ta' l-atti processwali
[25] Folio 596-598 ta' l-atti processwali

Construction. Minn naha tieghu, ix-xhud ikkonferma li huwa kien gibed ir-ritratti ezebiti fl-atti.[26]

Mill-atti jirrizulta li x-xhud kien ukoll l-ufficjal li kien responsabbli ghar-rapport esebit fl-atti bin-numru tar-referenza NPS 7/P/2433/2019.[27] Illi minn dan ir-rapport jirrizulta li l-incident gie rapportat lill-pulizija dak in-nhar stess li gara u cioe fis-6 ta' Gunju 2019.

Mir-rapport jirrizulta li dakinhar kien hemm incident gewwa Triq il-Fawwara, Santa Venera fejn spicca serjament ferut il-vittma Miah Faruk u meta wasslu fuq il-post ta' l-incident kien qed jinghata assitenza medika. Meta l-pulizija provaw ikellmu lill-vittma gewwa l-Isptar Mater Dei, ma kienx f'qaghda li jispjega hafna minhabba n-natura ta' griehi li kellu kif ukoll l-ugieh li kellu li ma kienx qed ihallih jitkellem. *"L-unika ftit informazzjoni li l-istess vittma pprovva jghaddi lill-Pulizija kienet, li daruh sitta min-nies, ilkoll minn Bangladesh, kif ukoll li spicca bla mowbajl."*[28]

Fis-seduta tas-6 ta' Jannar 2020 xehed il-parte civile **Miah Faruk.**[29] Ix-xhieda inghatat bil-lingwa Bangla kif imbaghad tradotta ghall-Ingliz.

Il-parte civile spjega li huwa kien wasal Malta fit-30 ta' Mejju 2019 u nhar is-6 ta' Gunju ghall-habta tal-16:30hrs kien mar jghum f'Ta' Xbiex. Ghall-habta tat-20:00hrs kien sejjer lura fir-residenza tieghu f'Santa Venera. Waqt li kien miexi kien qed jitkellem fuq il-*mobile phone* tieghu. Gara li kien hemm l-aggressuri mistohbija wara l-karozzi. Skont hu, kien hemm aktar nies apparti mit-tlett imputati izda l-ohrjan m'ghadhomx f'Malta, ezattament, kien hemm disa' persuni b'kollox. Il-parte civile spjega li gie cirkondat u Abdul Momin Mirzi beda jzommu minn ghonqu u tah daqqa ta' martell f'imniehru. Kien hemm

[26] Folio 64 ta' l-atti processwali
[27] Dok RV1, Folio 456-459 ta' l-atti processwali
[28] Folio 458 ta' l-atti processwali
[29] Folio 618-649 ta' l-atti processwali

persuna ohra, Salim Ullah, li beda jaghtih b'martell iehor fuq ghajnejh. Wara li gie mnizzel mal-art, Abdul Momin Mirzi tah diversi daqqiet f'siequ bil-martell. Wara, Salim Ullah beda jipprova jiftahu halqu u minhabba li beda jirrezisti b'idu, Abdul Momin Mirzi tah daqqa ta' martell fuq subghajh fejn dan gie miksur. Wara li Salim Ullah irnexxielu jiftahlu halqu, Abdul Momin Mirzi beda jaghtih bil-martell f'halqu fejn inqalghu sitt snien bid-daqqiet. Stqarr li apparti daqqiet ma martell, qala' ukoll daqqiet ta' ponn. Matul l-attakk, Nurun Nabil Manic kien qieghed izommu 'l isfel imma ma tahx daqqiet. Spjega li wara l-incident, eventwalment gie licenzjat mill-Isptar izda l-vista mill-ghajn leminija tieghu iddeterjorat hafna u ghadu jirrikjedi kura. Il-parte civile identifika lill-aggressuri minn diversi ritratti ezebiti in atti filwaqt li spjega li kien jaf lil Abdul Momin Mirzi biss minn qabel u dan fiz-zmien li kienu fl-Italja flimkien.

In kontro-ezami[30], elabora li l-incident fl-Italja kien sehh meta hu u Abdul Momin Mirzi iltaqghu filghaxija barra ristorant u Mirzi kien vizibbilment fis-sakra. Mirzi beda jghid lill-parte civile li kien mar ghalih u beda joffendih bi kliem baxx u vulgari. Minn naha tieghu, il-parte civile baqa sejjer sabiex jevita l-inkwiet. Kien hemm okkazjoni ohra fejn Mirzi kiteb kummenti vulgari u offensivi fuq post li l-*parte civile* ghamel fuq il-profil tal-Facebook tieghu. Kompla jispjega li kien ilu jaf lil Mirzi minn kuntest ta' xoghol u dan Mirzi kien bhal qisu mqabbad mieghu. Kien hemm incident iehor li sehh f'Malta f'Dicembru 2018 fejn Mirzi kien sejjer ihebb ghall-parte civile imma imbaghad is-sitwazzjoni ikkalmat. Wara dan l-incident, il-parte civile rega' siefer lejn l-Italja u wasal lura Malta ftit qabel l-incident de quo. Fir-rigward ta' kemm dam l-incident, milli seta' jiftakar, qal li dam madwar sitt minuti.

[30] Folio 835-841 ta' l-atti processwali

Il-parte civile gie riprodott in kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021. Huwa kkonferma li dak kollu li kien qal lil Victim Support Unit fil-laqgha wahda li kellu hemm kien veru u minnu. Innega li kien qal li huwa ma kienx gharaf lill-aggressuri u sostna li mal-Pulizija huwa kien identifikahom ukoll permezz ta' ritratti.

Il-Qorti rat ukoll li dak li ddikjara fir-rapport tal-pulizija li kien fiz-zmien immedjat ta' wara l-incident fejn kien stqarr:

*"I was going home. I saw one person following me, then I stopped. I asked to that person why he was following me, and I kept walking. Then near my home in St. Venera, there were about five people waiting for me, and they called me, I started to run, but eventually they caught me and started to hit me. Two of them, with a hammer. They hit me on my teeth. After they ran away."*[31]

Mill-istess rapport, il-vittma stqarr li dan l-attakk kien sar b'vendikazzjoni u bhala tpattija lejh minhabba skambju ta' kummenti fuq is-sit socjali *Facebook* li irrizulta li eskalaw meta kienu iltaqghu wicc imb wicc f'riceviment.

Illi gie rapportat fl-14 ta' Gunju 2019 li l-vittma Miah Faruk attenda gewwa l-ghassa tal-Hamrun wara li gie rrilaxxat mill-isptar identifika t-tlett imputati bhala l-aggressuri u li kienu involuti fl-attakk li sar fuqu.

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2020 xehdet **Gillian Debono**[32], residenta fi Triq il-Fawwara, Santa Venera, il-lok tal-incident de quo. Hija kkonfermat li pprovdiet lill-Pulizija b'filmati mill-kameras tas-CCTV li hija ghandha.

Fl-istess seduta xehed **PC 1037 Saviour Mifsud**[33], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hamrun li stqarr li huwa kien xhud tal-istqarrija tal-imputati Abdul Momin Mirzi u Nurun Nabil Manic flimkien mal-Ispettur Robert Vella. Stqarr ukoll li

[31] Folio 459 ta' l-atti processwali
[32] Folio 673-675 ta' l-atti processwali
[33] Folio 676-680 ta l-atti processwali

huwa kien akkumpanja lil PS 1500 Alfred Cutajar fuq il-lok tal-incident hekk kif dahal ir-rapport. Hemm ra roqgha kbira ta' demm tal-art kif ukoll xi sitt sinniet li kienu maqlughin. Wara marru ukoll l-isptar Mater Dei fejn kien hemm il-vittma. Dan kien mimlu griehi u dmija u ftit li xejn setghat issir komunikazzjoni mieghu.

Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2020 xehed **PS 1147 Antoine Fenech**[34], stazzjonat fit-Taqsima Forensika, li spjega li huwa kien inkarigat sabiex jigbor filmati minn residenza f'Santa Venera li jkopru d-data tas-6 ta' Gunju 2019 bejn it-20:10hrs u 20:30hrs. Huwa ezebixxa sensiela ta' fotogrammi elevati minn dawn il-filmati.[35]

Fl-istess seduta xehed **PC 580 I. Mercieca**[36], stazzjonat fl-Ghassa tal-Hamrun. Huwa spjega li fis-26 ta' Gunju 2019 kien baghat ghall-vittma Miah Faruk fl-Ghassa sabiex tittiehed il-verzjoni tieghu dwar l-incident de quo. Minn dak li kien stqarr, Faruk kien identifika lil Mirzi Abdul Momin, Ullah Salim u Manic Nurun bhala l-aggressuri. Partikolarment, kien semma li Mirzi Abdul Momin kien qabdu minn ghonqu u f'hin minnhom Ullah Salim beda jiftahlu halqu filwaqt li l-imsemmi Mirzi tah daqqiet b'martell fuq snienu.

Fl-istess seduta xehdet **Analise Borg**[37], ufficjal tal-Victim Support Unit. Hija kienet ghamlet kuntatt mal-vittma Miah Faruk wara li ngibdet attenzjoni fuq dan il-kaz fuq il-*media*. Fil-fehma taghha, il-vittma kien imbezza minhabba li "*these men tried to kill me*" u kien dizappuntat minhabba li l-kaz tieghu seta' progressa aktar malajr fil-Qorti. In kontro-ezami[38] iccarat li lill-imputati ma kienitx taf min huma qabel ma nvolviet ruhha fil-kaz.

[34] Folio 707-708 ta' l-atti processwali
[35] Dok AF1 u Dok AF2, Folio 709-710 ta' l-atti processwali
[36] Folio 711-714 ta' l-atti processwali
[37] Folio 715-722 ta' l-atti processwali
[38] Folio 772-774 ta' l-atti processwali

Ix-xhud giet riprodotta fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020 fejn hija spjegat li l-kuntatt bejn il-vittma Miah Faruk u l-Victim Support Unit dam ghaddej minn Gunju sa Awwissu 2019. Iccarat li ma kellha l-ebda involviment fl-investigazzjoni tal-kaz.

Fl-istess seduta xehdet **Maria Dimech**[39], residenta fi Triq il-Fawwara, Santa Venera, il-lok tal-incident de quo. Hija spjegat li fil-hin li sehh l-incident de quo kienet semghat xi ghajjat izda ma tatx kaz minhabba li l-girien il-hin kollu jghajjtu u jiggieldu u hasbet li kienu huma bhas-soltu. Kien biss meta l-ghada semghat bl-incident fuq l-ahbarjiet li ghamlet il-konnessjoni.

Fis-seduta tat-23 ta' Lulju 2020 xehed **l-Ispettur Robert Vella**[40] li spjega li r-rapport dwar l-incident de quo kien dahal nhar is-6 ta' Gunju 2019 ghall-habta tat-20:30hrs. Fuq il-post irrikorrew PS 1500 u PC 1037 mid-Distrett, fejn kien instab persuna barranija li kien qed jigi kkurat minn tim mediku mill-isptar Mater Dei. Mal-art kienu gew innotati rqajja tad-demm kif ukoll sitt sinniet, liema snien kienu gew elevate mill-Pulizija. Irrizulta li residenta fit-triq in kwistjoni, u cioe` Triq il-Fawwara, Santa Venera, kienet semghat xi ghajjat u x'hin harget barra rat persuna mitluqa mal-art f'ghadira demm u minnufih cemplet ghall-ambuanza. Il-Pulizija irnexxielha ukoll tilloka CCTV camera mar-residenza 15, fi Triq il-Fawwara, minn fejn gew elevati l-filmati relevanti. L-ghada il-Pulizija tkellmet mal-vittma, certu Miah Faruk mill-Bangladesh, fejn dan stqarr li fil-fehma tieghu, l-attakk kien koncertat minn certu Momin u l-motivazzjoni kienu xi *posts* fuq Facebook. Il-vittma kien tkellem f'aktar dettall mal-Pulizija fis-26 ta' Gunju 2019, wara li kien gie licenzjat mill-isptar. Huwa kien identifika lill-aggressuri minn sensiela ta ritratti li ghadda lill-Pulizija u senjatament, spjega li kien Abdul Momin Mirzi li qabdu minn ghonqu u beda

[39] Folio 723-726 ta' l-atti processwali
[40] Folio 753-771 ta' l-atti processwali

kollox. Meta kien prova jahrab, inzamm minn Salim Ullah u anke` minn Nurun Mabi Manic. Salim Ullah imbaghad fetahlu halqu filwaqt li Abdul Momin Mirzi beda jkissirlu snienu permezz ta' martell. Minn investigazzjoni li saret, irrizulta li t-tlett aggressuri kienu jahdmu mal-kumpanija G&P Borg Construction u kienu gew arrestati in konnessjoni mal-kaz. Fl-istqarrijiet li kienu ttiehdu, it-tlett imputati kienu nnegaw l-involviment taghhom. Ix-xhud irrimarka li bhala parti mill-investigazzjonijiet, kien irnexxielu jara jintraccja rapport li sar mal-Pulizija Taljana dwar attakk minn Abdul Momin Mirza fuq Miah Faruk li kien sar f'Catania xi zmien qabel. Ix-xhud gie prodott in kontro-ezami fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021[41] fejn stqarr li kien informat b'xi glieda li kienet sehhet bejn il-vittma u wiehed mill-imputati gewwa l-Italja izda ma pprezentax rapport ufficjali dwar dan.

Fis-seduta tal-5 ta' Novembru 2020 xehdet **Donatella Monsigneur**[42] li toqghod vicin tal-lok fejn sehh l-incident de quo. Spjegat li dak il-hin kienet fil-kamra tal-banju u semghat xi ghajjat gej minn barra u l-kelb taghha beda jinbah. Hemm kif imbaghad harget barra, semghat lil xi hadd jokrob u jghid "*please help me*". Hija marret hdejn u rat li kien guvni barrani mitluq mal-art b'wiccu kollu dmija u minnufih cemplet ghall-ambulanza. Spjegat li l-vittma beda jipprova jqum minn mal-art izda hi bdiet tghidlu biex jibqa' mistrieh ghax bezghat li jhossu hazin u jaqa' jekk iqum.

Fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2021 xehdet **Rosanne Bonello**[43], ufficjal tal-Victim Support Unit, li pprezentat il-fajl li jittratta dwar il-kaz odjern.[44] Mil-fajl tal-vittma jirrizulta li Faruk kien zamm l-appuntamenti mal-Victim Support Unit izda wara li rritorna lura gewwa Sqallija kien temm is-servizzi taghhom.

---

[41] Folio 832-834 ta' l-atti processwali
[42] Folio 804-810 ta' l-atti processwali
[43] Folio 825-826 ta' l-atti processwali
[44] Dok RB1, Folio 827-831

Fis-seduta tal-1 ta' Marzu 2022 xehed minn rajh **l-imputat Nurun Nabi Manic**.[45] Stqarr li hu u l-ko-akkuzati l-ohrajn huma ahwa mill-istess missier u li kien jaf lill-parte civile biss ghax kienu lkoll mill-Bangladesh u kien hemm okkazjoni wahda biss fl-2018 fejn kien rah qabel. Spjega li fil-hin tal-incident huwa kien fl-appartament tieghu, akkumpanjat mill-*flat mate* certu Faruk Kandokar, li bhalissa qed jghix l-Italja. Sostna li bejn 19:00hrs u 21:00hrs, huwa kien rieqed. In kontro-ezami, sostna li huwa ma kienx qajjem il-kwistjoni tal-*alibi* mal-Pulizija qabel ghax had ma kien staqsih fejn kien f'dak il-hin. Ma kienx jaf jispjega fejn kienu hutu l-ohrajn f'dawk il-hinijiet. Ma kienx kapaci jispjega ghalfejn bidel l-indirizz tieghu immedjatament wara li kien sehh l-attakk fuq Miah Faruk. Sostna li l-parte civile kien zbaljat meta qal li waqt l-attakk huwa kien qed izommu minn idejh. L-imputat sostna wkoll li minkejja li l-ko-imputati kienu hutu u kienu jghixu flimkien ghadu sal-gurnata tal-llum ma jafx fejn kienu dak in-nhar ta' l-incident.

Fis-seduta ta' l-10 ta' Gunju 2022 xehed bil-gurament **Khandokar Faruk**[46] li stqarr li hu kien habib ta' l-imputat Manic Nurun Nabi ghaliex kienu t-tnejn mill Bangladesh. Ix-xhud jghid li dak in-nhar ta' l-incident l-imputat Nabi kien mieghu l-lejl shih mis-sitta/seba' ta' filghaxija sat-tmienja ta' filghodu gewwa l-appartament sitwat il-Hamrun.

**Ikkunsidrat**

**Stqarrija**

Mil-provi prodotti jirrizulta li l-istqarrijiet[47] ta' l-imputati ittiehdu nhar il-21 ta' Lulju 2019 u cioe ftit gimghat wara l-incident in kwistjoni gewwa l-Ghassa tal-

---

[45] Folio 843-845 ta' l-atti processwali
[46] Folio 848-850 ta' l-atti processwali
[47] Folios 11-13 ta' l-atti processwali

Pulizija tal-Hamrun fl-ufficju ta' l-Ispettur (dak iz-zmien) Robert Vella fil-prezenza ta' PC 47 Bernard Briffa u PC 1037 fir-rigward ta' l-imputat Nurun Nabi Manic u dan wara li kien inghata s-soliti twissija ta' xiex gie investigat u wara li nghatalu d-drittijiet kollha tieghu dwar il-jedd li jikonsulta ma' avukat tal-fiducja tieghu qabel issirlu xi interrogazzjoni. Illi l-istqarrija saret bil-lingwa Ingliza filwaqt li l-imputati kienu assisti minn interpretu li ghamlet traduzzjoni mill-Ingliz ghal-Bangal.

Illi wara li l-imputati inghataw il-jedd li qabel ma issirilhom xi investigazzjoni jithalla, kemm jista jkun malajr, jitkellem privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wicc imbwicc jew bit-telefon ghall mhux aktar minn siegha zmien, jew fil-prezenza tal-avukat waqt l-interrogazzjoni innifisha, kienu hadu parir qabel l-interrogazzjoni taghhom mill-avukat Dr. Alfred Abela.

Illi fl-istqarrija l-imputati ghazlu li kollha iffirmaw l-istqarrijiet taghhom u wiegbu limitatament ghad-domandi li sarulhom.

Illi minn l-ewwel istqarrija ta' l-imputat Abdul Momim Mirzi li ittiehdet fil-hdax u nofs ta' filghodu jirrizulta li l-imputat li kien jaf lill Miah Faruk u kien sar jafu meta kienu joqghodu flimkien go kamp ghar-refugjati gewwa l-Italja. Illi ftit ta' zmien wara insertaw li t-tnejn sabu ruhom gewwa Malta. Madankollu qatt ma kienu hbieb.

Meta kien mistoqsi dwar l-incident li sehh ghazel li ma jwegibx ghad-domandi li sarulu izda stqarr li wara l-incident sar jaf li l-vittma kien qed iggor sikkina fuqu li ried ipattihielhom.

Meta kien mistoqsi jekk kienx ser jiddentifika l-persuni involuti fl-incident wiegeb fin-negattiv u wara wiegeb li ma kienx jaf.

*Q. "Are you going to tell me who were the other persons involved in this incident apart from you, your brothers and Anas Kadari?*

*A. No"*

…….

*Q. "You want to tell me, from this picture, who were the other persons involved in the beating of Miah Faruk?*

*A. I don't know."*[48]

Finalment l-imputat jghid li meta kienu jghixu gewwa l-Italja Miah Faruk kien aggredih b'daqqa ta' ponn u kissirlu snienu.[49]

Illi mill-istqarrija ta' l-imputat Abdul Mormin Mirzi li ittiehdet fl-istess gurnata wara nofs in-nhar fl-erba' u ghaxra gie mistoqsi jekk certu Anas Kadari kien involut fil-glied fejn stqarr li Kadari ma kienx involut u zied:

*"I am not saying that no one hit Faruk, but because of my complaint in Italy after that he hit me on the 30th of April, 2019, I think he wants to take revenge and is trying to involve me and my family and also my friends."*[50]

Illi mill-istqarrija ta' Salim Ulah irrizulta li l-imputat kien jaf lil Miah Faruk meta gie jghix Malta xi erba sa hames snin qabel. L-imputat ikkonferma wkoll li jghix ma hutu, il-ko-imputati f'din il-kawza.

L-imputat cahad li hu kien involut f'din il-glieda jew li kien fuq il-post ta' l-incident. Tenna li l-glieda kien ma huh u li fil-hin tal-glieda hu kien id-dar tieghu gewwa l-Msida.

L-imputat spjega li meta kienu jghixu gewwa l-Italja, Miah Faruk kellu glieda ma huh fejn kien kissirlu snienu u minn dak in-nhar l'hawn kellhom relazzjoni hazina bejniethom.

[48] Folio 482 ta' l-atti processwali
[49] Folio 483 ta' l-atti processwali
[50] Dok RV11, Folio 484 ta' l-atti processwali

Ghar-rigward huh Narum Nabu Manic, l-imputat jghid li hu wkoll ma kienx prezenti ghall-glieda u li hu qatt ma kellu glied fil-passat ma Miah Faruk. Meta gie muri ritratti ta' nies jigru fit-triq meta sehh l-incident, l-imputat stqarr li wiehed minnhom jismu Shubo li kien refugjat filwaqt li ma setax jaghraf il-persuna l-ohra.

Mill-istqarrija ta' Nurun Nabi Manic ikkonferma li jghix ma hutu l-ko-imputati u li jaf lil Miah Faruk mill-komunita Bangla gewwa Malta. Manic jinnega li kien involut jew prezenti u jghid li kien id-dar tieghu gewwa l-Msida meta sehh l-incident u jichad kategorikament li kellu xi involviment fil-glieda. Jghid ukoll li Faruk fil-passat kien attaka lil huh u kien kissirlu snienu izda hu qatt ma kellu x'jaqsam ma Faruk jew xi glied mieghu.

**Ikkunsidrat**

**Kunsiderazzjonijiet legali**

Illi l-Avukat Generali fir-rinvija ghall-guddizju jindika l-artikolu 214 u 218 bhala dawk l-artikoli li bihom l-imputat ghandu jinstab hati.

L-artikolu 214 tal-Kodici Kriminali jistqarr:

*Kull min, mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, jikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra, jew iġibilha disordni f'moħħha, ikun ħati ta' offiża fuq il-persuna.*

L-artikolu 215 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"L-offiza fuq il-persuna tista tkun gravi jew hafifa."*

L-artikolu 217 tal-Kodici Kriminali jghid:

*"L-offiza gravi hija punibbli bil-prigunerija minn sentejn sa ghaxar snin jekk tigi maghmula b'arma regolari, inkella bi strument li jaqta' jew iniggez, inkella b'xi sustanza jew likwidu li jesplodi jew jahraq jew li hu korroziv."*

Illi l-artikolu 218(1)(a)(b)(2) tal-Kodici Kriminali (hekk kif inhu aggornat illum) jistqarr:

*218.(1) L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin*[51]*. –*
*(a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;*
*(b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;*

*(2) Id-debbulizza fis-sahha jew fil-funzjoni ta' parti tal-gisem, u l-marda tal-mohh, l-isfregju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **Il-Pulizija vs Joseph Azzopardi** fejn l-principji li jirregolaw il-klassifikazzjoni ta' griehi ghall-fini ta' proceduri kriminali huma ben stabbiliti fl-ordinament guridiku taghna, fejn jinsab ritenut pacifikatament illi:

*"Il-kwistjoni ta' jekk offiza hiex wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad…). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni, li tiddependi neccessarjament jew esklussivament fuq "opinjoni medika". It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk il-qorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' xhiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant tal-fatt li, fiddawl*

[51] Fiz-zmien mertu tar-reat il-piena kienet minn disa xhur sa disa snin

*mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fid-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."*[52]

Di piu fis-sentenza **Il-Pulizija vs Francis Dingli**[53] intqal:

*"… ghall-finijiet tal-artikolu 216 jekk hemmx sfregju jew le hi kwistjoni ta' fatt rimessa ghall-gudikant … u dan kien perfettament intitolat li jasal ghal konkluzjoni differenti minn dik li wasal ghaliha l-espert tal-Qorti."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal kaz **Il-Pulizija vs Fortunato Sultana**[54] fejn id-distinzjoni bejn l-artikolu 216 u 218 tal-Kodici Kriminali giet spjegata:

*"Mir-ritratti ezebiti u li ttiehdu ftit hin wara l-incident meritu ta' l-akkuza, jirrizulta bl-aktar mod car li dana Curmi soffra offizi ta' natura gravi fittermini ta' l-Artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali. Skond din id-disposizzjoni, l-offiza fuq il-persuna hi gravi jekk, fost cirkostanzi ohra, iggib sfregju fil-wicc. Il-Ligi ma tirrikjedix li dana l-isfregju jipperdura ghal xi zmien partikolari, sfregju fil-wicc (jew fl-ghonq jew f'wahda mill-idejn) anke ta' ftit granet jibqa' sfregju ghal finijiet ta' l-imsemmija disposizzjoni, il-permanenza ta' l-isfregju hi relevanti biss meta, abbinata mal-gravita', taghti lok ghal hekk imsejjha "offiza gravissima" skond l-Artikolu 218(1)(b) talKodici Kriminali."*

Fir-rigward, il-Qorti tirreferi wkoll ghal dak li ntqal sussegwentement mill-istess Qorti fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Antonio sive Anthony Randich**[55],

*"Kif din il-Qorti kellha l-opportunita` li tirrimarka f'okkazzjonijiet ohra, l-isfregju ('disfigurement') fil-wicc (jew fl-ghonq jew fl-id) kontemplat fl-artikolu 216(1)(b) tal-Kodici Kriminali jista' jkun anke ta' natura temporanea, bhal, per ezempju, sakemm il-ferita tfiq. Huwa biss fil-kaz tal-hekk imsejjha 'offiza gravissima' fl-artikolu 218(1)(b) li l-ligi tirrikjedi l-permanenza (oltre lgravita`) ta' l-isfregju. Mir-ritratti esibiti din il-*

52 Qorti tal-Appell Kriminali, deciza 30 ta' Lulju 2004
53 Deciza fit-12 ta' Settembru 1996
54 Deciza 5 ta' Frar 1998
55 Deciz fit-2 ta' Settembru 1999

*Qorti tara li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkwalifika l-offiza f'wicc Sultana bhala sfregju (ghalkemm mhux gravi u anqas permanenti) peress li dik l-offiza kienet tiddisturba l-armonija tal-lineamenti tal-wicc u kienet tidher minn distanza normali."*

**Ikkunsidrat**

Mix-xhieda li giet imressqa jirrizulta li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Miah Farouk li spjega u identifikat lill-imputati bhala l-persuni li kienu aggredewh u kienu involut fl-incidenti tas-6 ta' Gunju 2019

Illi d-dottrina legali stabbilita li *"hija regola tal-procedura kriminali li l-prova trid tkun shiha u soddisfacenti."*[56] u li bhala principju fundamentali tal-process gudizzjarju f'materja penali ghandu jilhaq il-grad tad-dubju dettat mir-raguni *"u jekk jezisit dak id-dubju, dan imur favur l-akkuzat."*[57]. Madankollu dan ma ghandux ifisser jew jigi interpretat li kull dubju huwa bizejjed sabiex iggib il-liberatorja jew li jinheles kull responsabilita legali stante li d-dubju hija rrid ikun wiehed wiehed <u>ragonevoli</u>.

Filwaqt li l-prosekuzzjoni tistrieh principalment fuq ix-xhieda ta' Miah Farouk ghaliex ma kienx hemm persuni pajzana ohra prezenti, il-Qorti taghmel referenza ghal-artikolu 638(2) tal-Kodici Kriminali li jipprovdi:

*(2) B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar.*

[56] Pulizija vs Paolo Farrugia; Appell Kriminali Inferjuri; 1 ta' Awissu 1959

[57] Repubblika ta' Malta vs Jose' Edgar Pena; Criminal Appeal Superior Court; 5.12.2012; and Repubblika ta' Malta vs George Spiteri, Criminal Appeal Superior Court; 5.7.2002.

Dan ifisser li jekk ix-xhieda ta' xhud wiehed jigi emmnut dan jista jigi kkunsidrat bhala prova sufficjenti hekk kif inhu retinut fil-kaz **Pulizija vs Joseph Thorne**[58]

*"mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni talpersuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond ilkriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux."*

Dan il-punt gie wkoll spjegat fil-kaz **Il-Pulizija vs Matthew Borg**[59]

*"Illi fid-dawl tas-suespost u cioe' x'inhu l-ahjar prova, il-Qorti tissottolinea li huwa ben saput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat w individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista' jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi ndividwali jew separata talprovi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghall-kaz **Il-Pulizija vs Kieran Vella**[60]

*" Issa meta l-Qorti tasal biex taghzel bejn verzjoni u ohra, naturalment jittiehdu in konsiderazzjoni id-diversi parametri fosthom il-komportament tax-xhieda biex wiehed jara kemm dak li qed jghidu ghandu missewwa jew le."*

Ghalhekk meta l-Qorti tezamina l-atti kollha quddiemha, din il-Qorti trid tiddetermina jekk ghandiex provi bizejjed sal-grad rikjest fil-ligi u skond il-gurisprudenza sabiex tasal ghad-decizjoni finali. F'dan ir-rigward il-Qorti

[58] Court of Criminal Appeal (Inferior); 9th July 2003
[59] Court of Criminal Appeal (Inferior); 10th November 2014
[60] Court of Criminal Appeal (Inferior); 6th October 2016

taghmel referenza ghal dak li jintqal minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs Minister of Pension**[61] fejn jinghad:

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice".*

Il-Qorti taghmel referenza ghal-kaz **The Police vs Yilmaz Azlan**[62] fejn gie ritenut:

*"the court has to conduct a certain exercise when assessing a witness to see whether he is saying the truth or otherwise and follows the above guidelines. However, these guidelines are not exhaustive. The law leaves such matters of discretion in the hands of the Judge who has to analyse such evidence in seeing whether for example a witness is credible or not, sees whether he has an ulterior motive to testify in the manner he did, to examine his behaviour and how he acted whilst on the witness stand and how he answered the questions put forward to him. In carrying out such an examination the court will be in a position to judge whether such witness is saying the truth, whether such evidence is consistent with what was said by the same witness earlier on if for example he himself is makes contradictions in his own testimony or whether there are other facts which disapprove what is being said by the witness. These are but a few examples because the law does not provide any hard rules on the judge as to how he is to carry out such examination. But it is imperative that the judge is free to use his own discretion to see where the witness takes him A judge can believe a witness in whole, in part or not at all".*

---

[61] 1974 – 2 ALL ER 372

[62] Decided by the Court of Criminal Appeal on the 18th June 2019 – Appeal No. 438/2014

Illi appart ix-xhieda principali ta' Miah Farouk, dak li ntqal minnu ghar-rigward l-incident tas-6 ta' Gunju 2019 gie ikkorroborat b'certifikati u rapporti medici kif ukoll filmat mehud minn CCTV *footage* fl-inhawi.

Illi minn ezami tal-provi jirrizulta li l-imputati kienu jafu lil vittma u partikolarment l-imputat Mirzi kellu storja fil-passat mal-vittma fejn jghid li l-vittma kien kissirlu snienu. L-att li sar fuq il-vittma kien principalment sabiex ukoll lilu ikissrulu snienu – kif fil-fatt sar. Filwaqt li l-prosekuzzjoni ma ghandiex obbligu li tressaq mottiv, jidher mill-atti u minn dak li stqarr l-imputat Mirzi u hutu, l-ko-imputati fl-istqarrija taghhom li Mirzi kellu skop li jivendika ruhu ma Faruk billi iwettaq fuqu l-istess griehi li soffra hu.

Il-Qorti tqis li mir-risposti ta' Mirzi waqt l-istqarrija tieghu huma intizi sabiex ipendu lil Farouk f'dawl ikrah. Ma kienx sorpriz minn dak li gara u meta kien mistoqsi jekk kienx ser jiddentifika minn iktar kien involut fil-glieda apparti hu u hutu wiegeb "le". Din ir-risposta kienet "le" biex ma jikxef lil hadd iktar, izda ma jinnegax dak li gara

*Q. "Are you going to tell me who were the other persons involved in this incident apart from you, your brothers and Anas Kadari?*

*A. No"*

…….

*Q. "You want to tell me, from this picture, who were the other persons involved in the beating of Miah Faruk?*

*A. I don't know."*[63]

Il-Qorti ikkunsidrat ukoll li l-vittma kien car u ferm meta identifika lil Mirzi bhala l-persuna li kien qed ittih bil-martell f'wiccu u mniehru. Fil-mument li

[63] Folio 482 ta' l-atti processwali

kien qed issir l-attakk, l-aggressjoni bil-martell kienet qeda ssir fuq wiccu u b'hekk ma jistax jinghad li l-vittma ma kellux l-kapacita min kien il-persuna direttament fuqu jaghtih b'martell.

L-istess jista jinghad ghall-imputat Salim Ullah. Skond il-vittma Ullah kien direttament hdejh ittih bil-martell. Il-Qorti tqis li ma ghandhiex ghalixiex tiddubita jew ma temminix li fil-mument ta' l-aggressjoni, l-vittma ma setax jiddentifika min kien direttament fuqu jaggredih. Minn naha tieghu l-imputat Ullah, fl-istqarrija tieghu jghid li ma kienx prezenti waqt l-attakk izda kien fir-residenza tieghu. Mandankollu, meta xehed in difeza x-xhud Khandokar Faruk qatt ma jaghmel referenza ghal-imputat Ullah. Illi mill-atti jirrizulta li l-imputati kienu kollha jghixu gewwa l-istess indirizz u Khandokar Faruk kien fir-residenza taghhom fil-gurnata u l-hin ta' l-incident. Illi ghalhekk il-Qorti tqis li dak li stqarr l-imputat Ullah fl-istqarrija tieghu ma kienx mis-sewwa u temmen lill vittma Farouk li kien kapaci jidentifka wiehed mill-aggressuri li kienu qed jaghtuh fuq wiccu.

Minn naha l-ohra ghar-rigward l-imputat Nurun Nabi Manic il-Qorti ghandha d-dubji taghha. Illi jibda biex iinghad li l-imputat Manic dejjem cahad kategorikament li kien prezenti u l-involviment tieghu. Filwaqt li jirrikonoxxi li kien hemm argumenti passati bejn wiehed minn hutu u l-vittma, dejjem insista li u qatt ma kien prezenti. Minn naha tieghu l-vittma jghid li Manic kien qed izommu mill-parti ta' isfel ta' gismu waqt dan l-attakk. Illi jirrizulta li m'hemmx certezza anke mill-vittma stess min kienu l-persuni kollha involuti fl-attakk. Minn naha l-ohra l-vittma kien mizmum ma l-art mill-aggressuri tieghu u ghalhekk zgur ma jistax jinghad li kellu kull tip ta' vizwal – dan iktar u iktar meta hu stess ma setax jiddentifika kull persuna involut. Wiehed ma jistax jeskludi l-fatt li meta l-vittma kien qed ikun mizmum ma l-art u attakkat f'wiccu b'martell li ma kienx f'posizzjoni izomm ghajnejn fuq minn kien qed izommu minn saqajh.

Di piu, l-imputat ressaq xhud in difeza, Khandokar Faruk, li stqarr li l-imputat Manic kien il-hin ukoll mieghu fir-residenza taghhom l-Msida dak in-nhar u fil-hin ta' l-incident. Illi mill-mistoqsijiet li saru lix-xhud, jidher li ma tqajjimx dubju dwar il-veracita o meno ta' dak li qal.

Ghaldaqstant il-Qorti tqis fir-rigward l-imputat Mirzi Abdul Momin u Ullah Salim hija moralment konvinta mill-kaz tal-prosekuzzjoni li ghandhom jistabu hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom filwaqt li fil-kaz ta' l-imputat Manic Nurun Nabi hemm dubji serji li irrendu l-kaz tal-prosekuzzjoni mhux sodisfacentement ipprovat u ghaldaqstant sejra tghaddi sabiex tilliberah minn kull htija u piena.

**Ikkunsidrat**

**Piena**

Il-Qorti esebit il-fedina penali ta' l-imputati li huma kollha netti kemm ilhom jghixu gewwa Malta.[64]

Illi din il-Qorti tqis li dan l-attakk ferm aggressiv sar fl-apert fil-pubbliku minghajr ebda kuxxjenza ta' xejn fuq il-vittma. Illi mir-rapporti medici jirrizulta li l-vittma sofra griehi gravi b'konsegwenzi serji. Il-vittma tilef sitt snin, sofra ksur kif ukoll farretti f'wiccu, f'saqajh u f'idejh li kienu facilment vizibbli anke lill-Qorti li setghet tarhom waqt ix-xhieda tal-vittma. Di piu, il-vittma soffra nuqqas ta vizjoni, liema vizjoni ser tibqa b'mod permanenti ghaliex kif spjegaw it-tobba ma tezistix kura. Illi dan l-attakk, anke mid-dinamika ta' l-istills tas-CCTV jidher li kellu element ta' premeditazzjoni. Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax fuq l-aggressivita ta' l-attakk li huwa ferm deplorabbli fis-socjeta tal-llum, jekk mhux addiritura dizgustanzi u bl-ebda mod ma jista jigi skuzat li nies igibu ruhhom hekk kontra persuna fil-pubbliku

[64] Folio 20-22 ta' l-atti processwali

u jitilquh fit-triq bir-riskju li seta sofra griehi ferm aghar. Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-piena idonea ghandha tkun dik ta' wahda karcerarja sabiex anke isservi bhala deterrent in generali kif ukoll bit-tama li l-imputati jaghrfu s-serjeta u l-gravita ta' ghemilhom.

**Decide**

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 214, 215, 217, 218(1)(a)(b), 218(2), 63, 64(1)(2), 65(1)(2), 66, 67, 338(dd), 341,7(2), 382A(1)(2)(3), 383(1)(2)(3),384, 386, 412C, 412D, 17, 31, 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah hatja ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrihom u tikkundannah prigunerija effettiva ta' tlettin (30) xahar habs minn liema ammont ghandu jitnaqqas dak gja' skontat taht arrest preventiv, filwaqt li tillibera lill Nurun Nabi Manic minn kull htija u imputazzjoni.

Il-Qorti wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodici Kriminali tordna l-hrug ta' **Ordni ta' Trazzin** kontra l-hatja a favur ta' Miah Faruk ghal perjodu ta' tlett snin mid-data tar-remissjoni tal-piena u li ghandha taghti effett ghal kull ma hemm imsemmi fl-artikolu 412C(3)(6)(8)-(11) tal-Kodici Kriminali li ghandhom japplikaw *mutatis mutandis.*

Komunika: Kummissarju tal-Pulizija

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hatja Abdul Momin Mirzi u Salim Ullah ihallsu ugwalment u individwalment, nofs mill-ammont globali mis-somma ta' sitt mija u sittax il-

Euro u wiehed u ghoxrin centezmu (€616.21) lir-Registratur tal-Qorti rapprezentanti l-ispejjez tal-esperti mahtura fl-inkjesta.[65]

**Moghtija illum nhar l-1 ta' Dicembru 2022 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta**

**Dr. Nadine Lia**

**Magistrat**

**Lorianne Spiteri**

**Deputat Registratur**

[65] Dr. Mario Scerri, €279.10 (Fol. 553 tal-atti processwali) u Keith Cutajar, €337.11 (Fol. 590 tal-atti processwali)